MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 850/2009

**Lawrence *sive* Loreto u Mary Grace konjuġi Agius**

**-vs-**

**Anthony Grima; u b'digriet tal-1 ta' Frar 2010 s-soċjeta' 'Cordina Insurance Agency Ltd' ghal Schwarzmeer und Ostsee Versicherungs-Aktiengensellscschall (SOVAC) ġiet awtoriżżata tintervjeni fil-kawża *'in statu et termini'*.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fl-1 ta' Settembru 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi nhar l-14 ta' April 2008 fl-10:00 a.m. fil-*garage* proprjeta' tal-atturi, u ċjoe' St Mary's Garage, Drumblat Street, Mosta, il-konvenut li kien qiegħed isuq

vettura Toyota Hilux bin-numru ta’ reġistrazzjoni LAJ 809, saq għal fuq l-attur u rassu mal-ħajt.

2. Illi dan l-inċident seħħ tort unikament tal-konvenut minħabba mperizja, negliġenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-trafffiku meta l-konvenut saq għal fuq l-attur u rassu mal-ħajt tal-*garage* proprjeta’ tal-atturi.

3. Illi a kawża ta’ dan l-inċident l-attur sofra Danni konsistenti ukoll f’disabbilta’ permanenti fuq persuntu.

4. Illi l-konvenut ġie nterpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni ta’ danni iżda baqa’ inadempjenti.

Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i) Tiddikjara illi l-inċident awtomobilistiku li seħħ fl-14 ta’april 2008 fl-10:00 a.m. fil-*garage* proprjeta’ ta’ l-atturi u ċioe St Mary’s Garage , Drumblat Street, Mosta meta l-konvenut li kien qiegħed isuq vettura Toyota Hilux bin-numru ta’ reġistrazzjoni LAJ 809 u saq għal fuq l-attur u rassu mal-ħajt, seħħ tort unikament tal-konvenut minħabba mperizja, negliġenza u non-osservanza tar-regolament tat-traffiku.

ii) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, okkorrendo bin-nomina ta’ periti nominandi.

iii) Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenut inġunt in subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Anthony Grima ppreżentata fl-24 ta’ Novembru 2009, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi mhux minnu li l-intimat saq għal fuq l-attur u rassu mal-ħajt;

2. Illi mhux minnu li l-inċident seħħ tort unikament tal-konvenut minħabba mperizja, negliġenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku. L-intimat eżerċita l-kawtela u diliġenza kollha mistennija minnu u kwalsiasi tort fl-inċident huwa tar-rikorrenti Lawrence Agius;

3. Illi r-rikorrenti ma kienx mgħammar kif rikjest minn persuna li taħdem f'dak ix-xogħol u għalhekk ir-responsabbilta' hija tiegħu minħabba dan in-nuqqas;

4. Illi r-rikorrenti jrid jġib prova tad-diżabbilta' permanenti li sofra kawża tal-allegat inċident;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti jrid jagħmel l-prova ta' dak li qiegħed jallega;

6. Illi l-intimat huwa kopert b'polza ta' assikurazzjoni għal inċidenti kawżati lil terzi;

Salv eċċezzjonijiet oħra ulterjuri.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti togħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tal-1 ta' Frar 2010 li permezz tiegħu l-Qorti laqgħet it-talba tas-soċjeta' Cordina Agency Limited għal Schwarzmeer und Ostsee Versicherungs-Aktiengensellschall (SOVAC) biex tintervjeni fil-kawża.

Rat ir-risposta tas-soċjeta' intervenuta fil-kawża Cordina Insurance Agency Ltd (C5709) ippreżentata fid-19 ta' Mejju 2010, li permezz tagħha ġie eċċepit:

1. Illi l-inċident *de quo* ma seħħx tort tal-intimat Anthony Grima, assikurat tas-soċjeta' intervenuta, minħabba imperizja, negliġenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. Illi r-rikorrenti ma sofra l-ebda danni riżultat ta' dan l-inċident;

3. Illi jsegwi li la l-intimat assikurat mas-soċjeta' intervenuta mhux responsabbli għall-ebda inċident jew danni ma hemmx danni li jridu jiġu likwidati;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

5. Għaldaqstnat l-esponenti titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li hu nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali nkluż ir-rapport tal-espert mediku;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar 2011 li permezz tiegħu il-kawża tħalliet għas-sentenza għas-seduta tal-lum;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Ikkunsidrat;

Illi filwaqt li din hija kawża solita għad-danni wara inċident b'vettura, il-mod kif ġara l-inċident huwa insolitu. Infatti l-inċident ma ġarax fi triq iżda ġol-garaxx tal-istess attur, f'liema garaxx dan kien jiġġestixxi attivita' kummerċjali billi jsewwi s-*silencers* tal-karozzi. Irriżulta li dakinhar tal-inċident il-konvenut ħa l-vettura tiegħu biex isewwi appuntu s-*silencer* u l-attur iddireġih biex itella' l-vettura fuq il-*jack* ħalli naturalment jgħolliha u jkun jista' jsewwi. F'dan il-proċess sfortunatament għal xi raġuni baqgħet miexja u rasset lill-attur mal-ħajt. L-istess konvenut jikkonċedi li l-vettura fil-fatt laqtet lill-attur.

Illi fir-rigward tar-responsabbilta' tal-inċident in kwistjoni l-Qorti ma tarax li hemm wisq diffikolta' għaliex il-konvenut ma ġab ebda raġuni loġika għala kellu jibqa' għaddej isuq. Jidher ċar li fil-mument li tela' fuq il-*jack* għal xi raġuni tilef il-kontroll tal-vettura b'riżultat li din baqgħet sejra fuq l-attur. Lanqas ma ġab l-iċken prova li l-makkinarju li kellu l-attur fil-garaxx biex jaħdem bih kien b'xi mod difettuż. Għalhekk l-unika spjegazzjoni hija li hu kien jaħti għall-inċident għaliex ma għarafx jikkontrolla sew il-vettura tiegħu.

Illi stabbilita din il-kwistjoni, irid allura jiġi deċiż l-ammont ta' danni li għandhom jiġu akkordati lill-attur in segwitu għall-inċident imsemmi.

Illi l-attur qed jirreklama kemm *damnum emergens* u kemm *lucrum cessans*. Fir-rigward ta' *lucrum cessans*, jgħid li huwa waqaf jaħdem in segwitu għall-inċident għaliex ma setax ikompli u billi kellu ġja' sittin sena meta ġara l-inċident, kien se jieqaf jaħdem ftit xhur wara meta kellu jagħlaq il-wieħed u sittin f'Jannar 2009 (ara fol 8 fejn hija indikata d-data tat-twelid tiegħu, u r-rapport mediku fejn hu stess qal lill-espert li kien fi ħsiebu jieqaf ftit sal-aħħar tas-sena 2008). Fl-affidavit tiegħu jgħid li b'hekk tilef tmient elef, erba' mija u sebgħin Ewro (€8,470) ibbażati fuq il-qligħ *average* tiegħu fl-aħħar snin. Madankollu skond id-dokument a fol 8, jidher li fl-aħħar snin qabel l-inċident il-qligħ tiegħu kien qed jonqos u dan wieħed jifhmu f'attivita' ta' peruna *self-employed* fl-aħħar snin qabel ma jieqaf; fil-fatt fis-sena 2007 il-qligħ tiegħu kien ta' sebat elef, mija u sittax-il Ewro (€7,116). Għalhekk peress li fil-fatt l-attur waqaf jaħdem disa' xhur qabel il-waqt il-Qorti jidhrilha li għandha tibbaża t-telf tal-attur fis-somma ta' ħamest elef, tliet mija u sebgħa u tletin Ewro (€5,337) għal dak il-perjodu. Għandu jingħad li ma nġabet ebda prova dwar kemm huwa kellu qligħ mid-Dipartiment f'benefiċċji soċjali fir-rigward, u għalhekk il-Qorti ma tistax tnaqqas dan l-ammont għax m'għandhiex prova dwaru. It-talba tal-attur fir-rigward tal-istokk li kellu fil-ħanut naturalment ma tistax tiġi milqugħa għaliex dan kien stokk li baqa' għandu u għalhekk mhux tort tal-

konvenut li ma biegħux. L-attur pero’ kellu wkoll spejjeż mediċi ammontanti għal sitt mija u ħamsin Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€650.44) li ma ġewx kontestati (fol 7). B’kollox għalhekk ġarrab ħsara ammontanti għal ħamest elef, disa’ mija u sebgħa u tmenin Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€5,987.44).

Illi naturalment hija dejjem il-kwistjoni tal-*lucrum cessans* li solitament tippreżenta dejjem l-ikbar diffikoltajiet. Din il-Qorti anke kif preseduta ġie kellha diversi okkażjonijiet tapplika r-regola addottata mis-sentenza **“Butler vs Heard”** fl-1967 mill-Qorti tal-Appell. Madankollu f’din il-kawża l-Qorti ma jidhriliex li tista’ taddotta dawn il-prinċipji għaliex ladarba l-attur qed jiġi kumpensat *in toto* għat-telf li kellu fix-xhur rimanenti li kien se jibqa’ jaħdem, dan ifisser effettivament li huwa se jkun ġie kumpensat għat-telf ta’ qliegħ, u jekk il-Qorti tillikwida ħlas anke bbażat fuq dik is-sena u taddotta l-formula tas-solitu bbażata fuq ir-rata ta’ diżabbilta’ li ffissa l-perit mediku, u ċjoe’ ta’ tlieta fil-mija (3%), tkun qed tordna ħlas doppju għall-istess telf ta’ qliegħ. Xi ħaġa li palesament ma tistax tagħmel. Anzi l-attur, konsapevoli ta’ dan ma kienx messu talab in-nomina tal-espert mediku, u għalhekk se jigi ordnat iħallas hu l-ispejjeż fir-rigward.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa’ t-talbiet tal-atturi b’dan li qed tillikwida d-danni li sofra fis-somma ta’ ħamest elef disa’ mija u sebgħa u tmenin Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€5,987.44), u tikkundanna għalhekk lill-konvenut iħallas din is-somma lill-attur bl-imgħaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-lum stess.**

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenut, filwaqt li dawk tal-espert mediku jkunu sopportati mill-atturi. Is-soċjeta intervenuta għandha tħallas l-ispejjeż tagħha stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------